**IKLIN**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU 51 – IT-TNEJN 12 TA' LULJU 2010**

Il-Kunsill iltaqgħa fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet fil-5.30 p.m.

| **PREŻENTI:** | Sur Anthony Dalli | Sindku |
|---|---|---|
| | Sija. Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sija. Margaret Zammit | Kunsillier |
| | Sur Nazzareno Cauchi | Kunsillier |
| | Sur Alfred Naudi | Segretarju Eżekuttiv |

Il-Kunsillier Joseph Camilleri kien skużat minn qabel milli jattendi għal din il-laqgħa.

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI.

1.1. Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru ħamsin (50) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

1.2 Il-Kunsill approva unanimament il-korrettezza tal-minuti u ġew iffirmati mis-Sindku Anthony Dalli u s-Segretarju Eżekuttiv Alfred Naudi bħala dokument korrett.

## 2. KORRISPONDENZA.

2.1. Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew inħarġet mill-uffiċċju bejn il-25 ta' Ġunju u t-12 ta ' Lulju 2010.

2.2. Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 1766/10. L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għaddiet

tagħrif dwar Bus Shelters li qed jsiru minn Trasport Malta fil-lokalitajiet kollha ta' Malta.

2.3. Il-Kunsillier Ronald Cauchi staqsa fuq il-korrispondenza Nru. 1660/10. Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien qed jnaqqas l-ammont ta' €139.76 mill-fondi tal-Kunsill għall-ħlas tas-servizz tal-Wifi fil-Kunsill tagħna għal perjodu Jannar/ Ġunju 2010.

2.4 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 1850/10. Dan kien Memo fuq korsijiet li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien sejjer joħroġ għall-pubbliku taħt l-iskema " Life Long Learning"

Doc. A u B anness

**3. ILMENTI.**

3.1 Ġiet ippreżentata l-lista ta' ilmenti bejn l-25 ta' Ġunju u t-12 ta' Lulju 2010, kif tidher annessa bħala document C.

3.2 Rigward ilment Nru. 06/07-1 li qed jipparkjaw fuq id-"double yellow line" fi Triq Ġwann Mamo kantuniera ma' Triq Ġuże` Muscat Azzopardi. Biex il-Kunsill jieħu passi. Il-Kunsill Lokali sejjer jinvestiga u jibgħat il-Wardens.

3.3 Dwar rapporti fuq bozoz Nru. 126409, 126652, 126656 u 09/07-1 dawn għaddew għand l-Enemalta għal l-manutenzjoni.

4. **ĦLAS TA' KONTIJIET U NFIQ IEĦOR.**

4.1 Is-Segretarju ressaq lista ta' kredituri kif tidher annessa F'dokument immarkat D.

4.2 Is-Sindku Anthony Dalli 'mbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa. Issekondah il-Kunsillier Ronald Cauchi u wara kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

**5. MATERJI KONNESSI MA' L-AWTORITA` TA' L-IPPJANAR.**

5.1 Il-Kunsillier Margaret Zammit għaddiet it-tagħrif dwar il-kontenut ta' l-applikazzjonijiet jew deċiżjonijiet li ttieħdu fl-Awtorita' ta' l-Ippjanar mill-aħħar laqgħa tal-kunsill.

5.2 Dwar PA 01129/10. Casa Ramoann, Triq Geronimo Abos. Ħatt ta' dar u bini ta' erba' units residenzjali, tlett garaxxijiet

u ħanut. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata.

5.3 Dwar PA 02664/07. Biex jiġi approvat garaxx kif inbena u l-alterazzjonijiet tal-garaxx u biex tiddaħħal vettura personali erbatax il-filati għolja. (mhux sejra issir attivita' kummerċjali); (skavar ta' żewġ filati). Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata; id-deċiżjoni oriġinali tibqa.

5.4 Dwar PA 00835/09. Garage 36, Triq Erin Seracino Inglott. BIex jiġi approvat il-garaxx kif inbena. Bdil ta' parti mill-garaxx għal bejgħ ta' prodotti tal-karozzi,ħanut u twaħħil ta' tabella. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata. Id-deċizjoni oriġinali tibqa.

5.5 Dwar PA 03423/09. 113, Triq Geronimo Abos. Biex tiġi approvata t-tinda tal-canvas. L-applikazzjoni ġiet diferita.

5.6 Dwar PA 01990/08. Bitmac Ltd, ix-Xwieki. L/O Iklin. Proposta biex jiġi estiz l-workshop tal-polystyrene. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata.

5.7 Dwar PA 03336/09. Bitmac Ltd. Tal-Balal, Ix-Xwieki, L/O Iklin. Tiġdid ta' PA 3480/06 biex jinbnew uffiċċini u garaxxijiet, twaħħil ta' tabella, użu tal- garaxx u store għall-ħażna taż-żebgħa u 'expanded polystrene'. L-applikazzjoni ġiet approvata.

5.8 Dwar PA 03432/06. Soft Stone Quarry No. 13. Tat-Tabib. Biex jaqleb din il-barriera għall-ħażna fil-miftuħ, tisbieħ ta' l-art ta' madwar u terġa ssir art għal-biedja. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi approvata.

5.9 Dwar PA 05554/09. Sit fi Triq Prinjol. Bini ta' żewġ semi-detached bungalows u garaxxijiet taħt. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata.

5.10. Dwar PA 05712/09. Villa Oleander, Iklin Valley. Biex jiġu approvati xogħlijiet li saru ġewwa u barra differenti minn dawk approvati fil-permess PA 4322/06. L-applikazzjoni ġiet diferita.

5.11. Dwar PA 01760/09. Majjorkin, Triq l-Iklin. 'Change of use' minn parti minn garaxx għal ħanut taż-Żebgħa u twaħħil ta' tabella. Biex jinżamm parti mill-garaxx għall-karozza privata. L-applikazzjoni ġiet diferita.

5.12 Dwar PA 02168/08. Grefar, Triq Dun Karm. Biex jinbena appartament fit-tieni sular u 'washroom' fuq il-bejt.

l-applikazzjoni ġiet rifjutata.

5.13 Dwar PA 05206/09. Sit fi Triq il-Ħarruba c/w Triq il-Wied. Bini ta' bungalow. L-applikazzjoni ġiet diferita.

## 6. FESTA TAS-SALVATUR.

6.1 Is-Sindku Anthony Dalli ħabbar li l-Festa tas-Salvatur f'Ħal-Lija sejra issir bħal kull sena fl-4, 5, u 6 ta' Awissu. Bħal ma għamilna kull sena qed jinħarġu l-applikazzjoniet għall-Gabbani.

6.2 Bħala parti mill-miżuri dwar 'safety' sejjer jinħaraq il-ħaxix kollu li hemm fl-għalqa ta' Triq San Mikiel; jew nitolbu lil-Public Cleansing Department biex jagħmel dan jew ngħidu lill-kuntrattur tal-knis tal-Kunsill. Il-Kunsill Lokali sejjer jitlob li jkun hemm 'Fire-engine" għall-lest bl-għajnuna tas-Civil Protection Dept.
Sejjer jiġi infurmat is-Supretendenet ta' Birkirkara u l-Authorized Officer tat-Tribunal ta' Birkirkara dwar it-traffiku, dwar għeluq Triq Frederick Borg u Triq San Mikiel.
Sejrin jitpoġġew bins fi Triq San Mikiel u jsir knis filgħodu kmieni l-Ġimgħa u s-Sibt 6 u 7 ta' Awissu.

## 7. ĠUDIKAZZJONI TAL-KWOTAZZJONI TAS-SUSTAINABLE ENERGY ACTION PLAN.

7.1 Wara li saret analiżi tat-tlett offerti li ntefgħu, ħarġu dawn il-punti:

1. Econing b'offerta ta' €3700 u EMDP b'offerta ta' €2900 kienu qed joffru "Plan of Action" biss wara li jinġabar ċertu database mingħand il-Kunsill, iżda huma jistgħu jippreparaw rapport separat għal kull proposta bi ħlas ta' madwar €500 u €2000. Dwar preparazzjoni għal Budget il-Kunsill irid ifittex minn fejn jinstabu l-fondi.
2. D-Consulta b'offerta ta' €8000 joffri l-proċess kollu sal-wasla għand l-Istituzzjonijiet li jagħtu fondi għal dawn il-proġetti.

7.2 Il-Kunsill Lokali huwa infurmat li għat-tfittxija ta' fondi u preparazzjoni ta' applikazzjonijiet nistgħu nirrikorru għand il-MEUSAC li jagti servizz bla ħlas lill-Kunsilli lokali.

7.3 Għaldaqstant qabel mal-Kunsill jieħu deċizjoni fuq l-aħjar offerta, sejjer jistaqsi lil-MEUSAC kif jista' jgħin lil-Kunsill tagħna.

## 8. TRAFFIC MANAGEMENT FL-IKLIN.

8.1 Is-Sindku Anthony Dalli ħabbar li kien wasal iż-żmien biex

indaħħlu Traffic Management ġdid “bi prova” għal-xahar fl-Iklin. Il-pjan kien biex innaqqsu l-volum tat-traffiku mill-qalba tal-Iklin fil-ħinijiet kruċjali tal-ġurnata.

8.2 Kif kien diskuss xi ftit żmien ilu waqt laqgħa tal-Kunsill, il-pjan kien li
a. Tingħalaq Triq Alfons Maria Galea (minn ħdejn ix-Showroom ta’ l-Iscan Computers) bejn is-7.00am ud-9.00am.
b. Tingħalaq Triq Ġużè Pesci kantuniera ma’ Triq E. S. Inglott bejn l-4.00pm u s-7.00pm.
Dawn it-toroq ikunu magħluqin għal kulħadd, residenti wkoll, mit-Tnejn sal-Ġimgħa biss.

8.3 Is-Sur Dalli talab lil-Kunsilliera preżenti jaħsbu ftit fuq dawn is-suġġerimenti imbagħad wara issir l-applikazzjoni ma’ Trasport Malta għall-permessi.

## 9. KUMNIKAZZJONI MIS-SINDKU.

9.1 Is-Sur Dalli bi pjaċir ħabbar li l-applikazzjoni li kien għamel il-Kunsill Lokali dwar parteċipazzjoni fl-iskema tal-Public Private Partnership fuq Toroq ġiet aċċettata għall-ammont ta’ €66,734.94. Hu qara l-ittra li rċieva l-Kunsill bid-data tad-9 ta’ Lulju 2010 mingħand id-Dipartiment.

9.2 Din is-somma tkopri kisi ta’ żewġ toroq bit-tarmac, Triq Frederick Borg u Triq il-Ħwawar fuq bażi ta’ 50 – 50 li jinħarġu mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u l-Kunsill Lokali u jitħallsu lill-kuntrattur fuq perijodu ta’ 9 snin.

9.3 Sejjer jinħareġ minnufih it-Tender biex wara jintgħażel il-kuntrattur ħalli x-xogħlijiet jibdew wara l-1 ta’ Ottobru 2010.

9.4 Is-Sindku Anthony Dalli semma li l-Kunsill sejjer jixtri 40 pakkett ilma biex jintuża mill-għaqdiet tagħna waqt l-attivitajiet tas-sajf.

## 10. AĠĠORNAMENT.

10.1 Il-Kunsillier Ronald Cauchi għamel riferenza għall-ammont ta’ Memos li qed jirċievu l-Kunsilliera dwar Mistoqsijiet Parlamentari. Hu staqsa jekk hux possibbli li jirċievu wkoll it-tweġibiet tagħhom.
Is-Sindku Anthony Dalli irrispondieh li l-Kunsilliera dejjem setgħu jiġu l-Kunsill u jaraw il-korrispondneza.

10.2 Peress li ma kienx hemm iżjed x'niddiskutu, l-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-6.30pm u kien hemm ftehim li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 26 ta' Lulju 2010 fil-5.30pm.

10.3 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt il-laqgħa tal-Kunsill ta' nhar it-Tnejn 26 ta' Lulju 2010 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Anthony Dalli** | **Alfred Naudi** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |